# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 25 ta' Jannar, 2017**

**Talba Nru: 152/2016PA**

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**

**vs**

**Nicholas Camenzuli**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-27 ta' April 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet il-ħlas ta' elf, tlett mija u tlieta u erbgħin Ewro (€1,343.00) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' merkanzija mibjugħa u debitament konsenjata mis-soċjeta' attriċi lill-intimat. Bl-ispejjeż inklużi, dawk tal-ittra uffiċjali 2420/2015 kif ukoll bl-imgħaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament.

Ra l-kopja tal-ittra uffiċjali eżekuttiva preżentata fit-22 ta' Diċembru 2015 (Dok.'O1') li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi interpellat lill-konvenut iħallasha s-somma ta' €1,343.00 (elf, tlett mija u tlieta u erbgħin Ewro) rappreżentanti l-bilanċ ta' [prezz ta'] merkanzija mibjugħa u konsenjata lilu, liema ittra uffiċjali jidher li baqgħet qatt ma ġiet notifikata lill-konvenut (fol.3).

Ra li l-konvenut, debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba bil-mezz tal-publikazzjoni u l-affissjoni, baqa' ma ppreżentax Risposta, u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra x-xiehda ta' Marvin Sapiano, *Credit Manager* tas-soċjeta' attriċi, li ddikjara li din biegħet prodotti tal-ikel lill-konvenut, li jiġġestixxi ħanut tal-merċa magħruf bħala 'La Grotte'. Sapiano ppreżenta rendikont ġenerat minnu stess li juri li s-soċjeta' attriċi biegħet u kkonsenjat merkanzija lill-attur fix-xhur ta' Novembru 2014 u Diċembru 2014, bi perzz komplessiv ta' €1,383.06ċ, li minnu l-konvenut fadallu jħallas is-somma reklamata b'din l-azzjoni.

Josserva li s-soċjeta' attriċi naqset li tippreżenta l-aħjar prova tal-jedd ta' kreditu pretiż minnha b'din l-azzjoni, liema prova setgħet faċilment saret permezz tal-*invoices* li għalihom hemm riferenza fir-Rendikont li ppreżenta x-xhud Marvin Sapiano (Dok.'MS1', fol.18). It-Tribunal iqis li huma dawn l-*invoices*, flimkien mar-Rendikont preżentat, li jikkostitwixxu fl-era teknoloġika tallum *'il-kotba ta' kummerċjanti'* li jsemmi l-*art. 629(d)* tal-Kap.12, u li jikkostitwixxu prova tal-kontenut tagħhom.

Iqis pero' li, fuq bażi ta' probabilita', u wara li qies ix-xiehda tar-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi Marvin Sapiano, li ilu jokkupa l-kariga ta' *Credit Manager* mal-istess soċjeta' għal aktar minn għoxrin sena, it-talba tas-soċjeta' attriċi dwar il-kreditu ta' €1,383.06ċ pretiż minnha tinsab pruvata.

Kwantu għat-talba għall-hlas tal-imgħaxijiet, għalkemm m'hemmx dubju min-natura kummerċjali tal-obbligazzjoni mertu tal-azzjoni, billi s-soċjeta' attriċi ma ppreżentatx l-*invoices* relattivi, u allura ma saritx l-aħjar prova dwar meta kull waħda saret dovuta, it-Tribunal jidhirlu li l-imgħax għandu jitqies li beda jiddekorri mid-data tal-ittra uffiċjali ezekuttiva preżentata fl-atti, ossia t-22 ta' Diċembru 2015.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, it-Tribunal jilqa' limitatament it-talba tas-soċjeta' attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta'

elf tlett mija u tlieta u erbgħin Ewro (€1,343.00), bl-imgħax mit-22 ta' Diċembru 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jibqgħu a karigu tal-konvenut.

**Avukat, Phyllis Aquilina LL.D.**

**ĠUDIKATUR**